# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 17 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 16**

**Rikors Numru : 696/2012 JPG**

**Joseph Mifsud, Doris Mifsud martu, Spiridione, Carmen mart Horce Scicluna, Marianna mart Emanuel Bonnici, ahwa Mifsud in-nisa bl-assistenza ta' zwieghom.**

**vs**

**Andrew Cassar u Clive Cassar**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors guramentat tar-rikorrenti, Joseph Mifsud tal-11 ta' Lulju 2012, li jaqra hekk :

1. *"Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet **'Joseph Mifsud et vs Andrew Cassar et'** Cit. Nru. 196/1993GC deciza fid-19 ta' April 2012, dina l-Onorabbli Qorti ddecediet favur talba maghmula minn 1-esponenti in kwantu gew likwidati danni fis-somma ta' Euro 23856.87 a favur l-istess esponenti pagabbli minn l-intimati li nstabu hatja li b'negligenza kagunaw il-mewt*

*ta' iben u hu l-atturi rispettivament gewwa l-Bajja ta' San Tumas ft-10 ta' Marzu 1991;*

2. *Illi fl-umli opinjoni tal-esponenti hemm lok ta' ritrattazzjoni minn l-imsemmija sentenza u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-mori ta' dawn il-proceduri;*

3. *Illi fil-kunsiderazzjoni taghha dik il-Qorti f'pagna 10 ta' l-imsemmija sentenza waqt li tat spjega dwar il-likwidazzjoni tad-danni li kellhom jithallsu spjegat li peress li ddipendenza tal-mejjet fuq l-eredi maz-zmien kellha tonqos, mid-danni li suppost jithallsu kellhom jitnaqsu 50%. Illi pero dina l-Qorti jidher li erronjament jew bi zvista, dana percentwali naqqsitu ghal izjed minn darba precizament ghal darbtejn fit-tieni okkazzjoni minghajr ebda spjega. Illi minhabba f'hekk id-danni li gew likwidati ghal persuna mejta kienu b'mod redikolu baxx u huwa bid-dovut rispett ovvju li t-tieni tnaqqis ta' hamsin fil-mija [50%] sar b'mod skorett;*

4. *Illi minhabba f'dana l-fatt, l-esponenti jikkontendu bir-rispett li jezistu ragunijiet kontemplati fl-artikoli 811 (e)(i) u (l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandhom iwasslu sabiex it-talba taghhom ghal ritrattazzjoni tirnexxi u ghalhekk qed tigi ntavolata dina l-kawza kontra l-intimati;*

*Ghadaqstant, ghandhom jghidu l-intimati ghaliex ma' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-19 ta' April 2012 fil-kawza fl-ismijiet* ***'Joseph Mifsud et vs Andrew Cassar et'*** *Citazzjoni numru 196/1993GC u dana a tenut tal-artikoli 811[e][i] u [l] tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet* ***'Joseph Mifsud et vs Andrew Cassar et'*** *(Cit Nru 196/1993GC) li giet deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' April 2012.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti intimati ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati tat-2 ta' Ottubru 2012 (a fol. 15 et seq) li taqra hekk :

1. *"Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, ir-rikors guramentat huwa null in kwantu kellhom jigu indikati r-rikorrenti kollha li qed jippromwovu l-kawza u li gew indikati fl-okkju u mhux wiehed biss mir-rikorrenti. F'kwalunkwe kaz, fil-konfront tar-rikorrenti l-ohra li ma gewx indikati, l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;*

2. *Illi fit-tieni lok u dejjem in linea preliminari, l-azzjoni ghal ritrattazzjoni hija improponibbli in kwantu r-rikorrenti m'ghandhomx aktar jedd ta' azzjoni fil-konfront tal-esponenti peress li huma rrinunzjaw ghal kwalsiasi dritt li seta' kellhom kontra l-esponent naxxenti mill-incident li kien mertu tas-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u/jew naxxenti mill-istess sentenza meta accettaw il-hlas tad-danni li ghalihom gew kundannati l-esponenti minghajr ebda rizervi izda anzi b'dikjarazzjoni cara ta' rilaxx assolut (Dok A" hawn annessa);*

3. *Illi fil-mertu t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw jigu michuda fl-interezza taghhom bl-ispejjez kontra 1-istess atturi;*

4. *Illi ghar-rigward tal-artikolu 811(e) tal-Kap 12 invokat mir-rikorrenti ritrattandi japplika mhux meta jkun hemm zball ta' fatt jew interpretazzjoni hazina tal-ligi imma meta stabbilit l-fatt tigi applikata ligi li ma tkunx applikabbli ghal dak il-fatt;*

5. *Illi f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti applikat il-ligi relattiva t-tajba u cioe l-Kodici Civili konsiderando li tnaqqis ghad-dipendenza, ghal konsum*

*personali u lump sum payment huma lkoll principji ben assodati fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fejn si tratta ta' likwidazzjoni ta' lucrum cessans. Inoltre, dan kien purament ezercizzju interpretttiv bl-applikazzjoni tar-regoli tal-ligi, ezercizzju li jsir minn kull gudikant;*

6. *Illi bla pregudizzju ghall-premess u di piu' ir-ritrattandi naqsu li jindikaw l-artikolu tal-ligi li skond huma kien imissha giet applikata minn din il-Qorti kif jistipula l-artikolu 816 tal-Kap 12;*

7. *Illi ma jirrizulta xejn kontradittorju fid-decide tas-sentenza li tat din il-Qorti fid-19 ta' April 2012 u l-artikolu 811(i) mhuwiex applikabbli ghaliex l-allegata kontradizzjoni, biex taghti lok ghar-ritrattazzjoni, trid tirrizulta fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux fil-kunsiderazzjonijiet;*

8. *Illi lanqas hemm lok ghal ritrattazzjoni skond l-artikolu 811(l) in kwantu dak li qed jittentaw jattakkaw ir-rikorrenti ritrattandi huwa kriterji ta' apprezzament u applikazzjoni tal-ligi li jaqa' fil-mansjoni insindakabbli tal-gudikant. Kwindi l-figuri li waslet ghalihom l-Ewwel Qorti ma jistghu qatt jikkostitwixxu zball li jaghti lok ghal ritrattazzjoni fis-sens tal-artikolu 811(l);*

9. *Illi f'kull kaz il-kawzali ma jaghtux lok ghal ritrattazzjoni skond il-ligi izda huma pjuttost aggravji ta' appell. Ritrattazzjoni m'ghandhiex isservi bhala appell di terzo grado li ma jezistix fis-sistema legali nostrali jew li tistieden il-Qorti sabiex taghmilha ta' qorti ta' revizjoni;*

10. *Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mill-Ligi."*

Rat id-decizjoni taghha tat-13 ta' Novembru 2013, fejn ppronunzjat ruhha fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari (a fol. 30 et seq.);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Andrew Cassar u Clive Cassar tal-1 t'Ottubru 2015 (a fol. 52 et seq.);

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Dr. Edward Gatt**, a fol 39 – 40 b'referenza ghad-dokument intitolat *"Form of discharge*" ezebit a Fol 18 tal-process, gharaf il-firma tieghu fuq id-dokument kif awtorizzat mir-rikorrent. Qabel illi r-rikorrenti ghalhekk ircievew is-somma ta' €26,913.68. Ikkonferma ukoll illi kull min hemm imsemmi fl-iskrittura kien awtorizzah biex jiffirma.

**Andrew Cassar**, a fol 41 – 43, xehed, illi wara s-sentenza moghtija fid-19 ta' April 2012 kienu hallsu lir-rikorrenti s-somma likwidata mill-Qorti ghal kull pretensjoni li setgha kellhom in konnessjoni ma' din il-kawza. Qal illi l-bazi tal-ftehim tal-5 ta' Gunju 2012, ezebit fil-process a fol 18, kien illi dan il-kapitolu bejn il-kontendenti jinghalaq darba ghal dejjem.

**Ikkonsidrat;**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jargumentaw illi d-dokument ezebit a fol 18 tal-process jammonta ghall-dokument ta' transazzjoni. Il-Qorti ma tikkondividix dan l-argument.

Fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna jinsab insenjat illi:

> *"it-transazzjoni ghandha zewg elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-ohra;* ***l-ewwel wiehed hu d-dubju, li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvuh huma stess minflok ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti****; it-tieni hu dak li l-prattici jsejhu l-"hinc inde remissum", cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku. (Kollez. Vol. XLIII P I p 418)"*

Intqal ukoll illi:

> **"[L-is]*kop ta' dan il-kuntratt huwa dak li tigi terminata kawza mibdija jew li tigi evitata kawza imminenti*** *b'mod li hija nulla kwalunkwe transazzjoni bejn il-partijiet fuq haga li huma jkollhom kontroversja fuqha; kontroversja, mbaghad, li trid tkun serja u reali, b'dubju dwar l-ezitu taghha; u cjoe' li l-kawza li l-partijiet ikunu jridu jitterminaw jew jevitaw tkun trid tkun dubja fiha nfisha jew fl-animu tal-partijiet.*

Illi ghahekk huwa car li d-dokument ezebit a fol 18 ma jista' qatt jitqies bhala dokument ta' transazzjoni peress illi element baziku ta' transazzjoni huwa illi l-partijiet jirrisolvu d-dubju ezistenti huma stess minflok ma jhallu lil Qorti tirrisolvih hi ghalihom.

Madanakollu, l-Qorti tqis li d-dicitura tal-ircievuta hija fatali ghall-azzjoni tar-rikorrenti ghaliex torbot lir-rikorrenti mat-termini stretti li bihom kienu qed jaccettaw il-pagament. Il-partijiet ma hallew l-ebda lok ghal hlasijiet ohra ta' danni relatati mal-incident mertu tal-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni. Filfatt, silta minn din l-ircievuta taqra testwalment:

> *"....I possess no further rights or claims whatsoever against Andrew Cassar and Clive Cassar arising from or connected to the aforesaid* ***injury and/or judgement*** *and that in consequence of the payment of the said sum of €26,913.68 the said Andrew*

> *Cassar and Clive Cassar are hereby fully released and discharged and shall be under* ***no further liability whatsoever in connection with the said occurrence****."*

Jidher mill-mod kif giet espressa l-ircievuta li r-rikorrenti kienu qed jaccettaw il-pagament minghand l-intimati u fl-istess hin jirrinunzjaw ghal kull drittijiet jew azzjonijiet ohra kollha li jista' jkollhom kontra l-intimati, mhux biss a bazi tas-sentenza mertu ta' dawn il-proceduri izda in generali b'referenza ghall-incident. Meta gie accettat il-pagament mill-intimati fuq dawn it-termini, ir-rikorrenti kienu diga jafu bl-ezistenza tas-sentenza mertu ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk messhom kienu jafu illi kien hemm "l-izball" li qed jallegaw f'dawn il-proceduri. Cioe nonostante huma accettaw il-pagament maghmul mill-intimati fuq termini strettissimi, illi jipprekludhom milli jfittxu lill-intimati ghal xi kumpens ulterjuri minn dak li thallas fil-5 ta' Gunju 2012. B'hekk minn dak in-nhar, tilfu kwalunwke dritt ta' azzjoni kontra l-intimati relatat mal-incident mertu tal-proceduri li taghhom qed jintalab it-thassir. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati hija fondata.

Fl-interess tal-gustizzja din il-Qorti tirrileva ***obiter*** illi l-azzjoni tar-rikorrenti ma setghatx tirnexxi independetement mill-ezitu tal-eccezzjoni preliminari tal-intimat, kemm fuq bazi procedurali u kif ukoll fil-mertu. L-ewwel nett, ritrattazzjoni minn sentenza tal-Prim'Awla tista' ssir biss jekk il-fatt li ta lok ghal rittrattazzjoni sehh, jew ir-ritrattand setgha jsir jaf b'dan il-fatt, **biss wara** li jkun skada t-terminu tal-appell.[1] F'dan il-kaz, il-fatt ilmentat mir-rikorrent jirriferi **ghal allegat zball fis-sentenza**, u ghalhekk ir-rikorrenti ma kellhom ebda dritt illi jintavolaw proceduri ta' rittrattazzjoni galadarba ma intavolawx appell. Din l-azzjoni ma setghatx lanqas tirnexxi fil-mertu peress illi l-izball allegat mir-rikorrenti, u cioe illi l-Ewwel Qorti ghamel tnaqqis ta' 50% darbtejn minflok darba ma kienx, in effett, zball. Is-sentenza tal-Ewwel Qorti hija cara u fil-motivazzjoni tispjega illi kellu jsir tnaqqis ta' 50% minhabba l-grad ta' dipendenza u tnaqqis iehor ta' 50% minhabba l-*lump sum payment*, kif fil-fatt jsir

[1]Artikolu 812 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

f'diversi kawzi ta' danni[2]. Ghalhekk huwa evidenti ictu oculi li l-izball ilmentat mir-rikorrenti ma sehhx.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-intimati in vista tad-decizjoni taghha tat-13 ta' Novembru 2013, tilqa' it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati u tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

---

[2] Vide per ezempju t-tnaqqis ghal dependenza jew konsum u ta' tnaqqis re *lump sum* fil-kawzi **Carmen Portelli et vs Jonathan Mifsud** deciza fil-11 ta' Jannar 2016 mill-Qorti Civili Prim Awla per **Imhallef Dr. J.Padovani Grima**